



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 30 ta' Mejju 2023
(OR. en)

9262/23

PECHE 179
UK 89
N 48

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194 li jistabbilixxi għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, kif ukoll li jistabbilixxi għall-2023 u għall-2024 tali opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2023/...

ta' ...

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194 li jistabbilixxi għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, kif ukoll li jistabbilixxi għall-2023 u għall-2024 tali opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194¹ jistabbilixxi għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni. Il-qabdiet totali permissibbli (TACs) u l-miżuri marbuta mat-TACs b'mod funzjonali stabbiliti bir-Regolament (UE) 2023/194 jenħtiegħ li jiġu emendati sabiex jitqies l-eżitu tal-konsultazzjonijiet ma' pajjiżi terzi.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194 tat-30 ta' Jannar 2023 li jistabbilixxi għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, kif ukoll li jistabbilixxi għall-2023 u għall-2024 tali opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond (ĠU L 28, 31.1.2023, p. 1).

- (2) Ir-Regolament (UE) 2023/194 jistabbilixxi kwota proviżorja tal-Unjoni għall-bakkaljaw (*Gadus morhua*) fl-ilmijiet ta' Svalbard u fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżona 1 u tad-diviżjoni 2b tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Marzu 2023. Sabiex l-attivitajiet tas-sajd ikun jistgħu jkomplu, jeħtieġ li dik il-kwota proviżorja tal-Unjoni tiġi sostitwita bi kwota definittiva tal-Unjoni għal dak l-istokk għall-2023. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kunsill jistabbilixxi l-kwota tal-Unjoni għall-bakkaljaw fl-ilmijiet ta' Svalbard u fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżona 1 u d-diviżjoni 2b tal-ICES abbażi tat-TAC ta' referenza għall-bakkaljaw Artiku tal-Grigal u tad-drittijiet tas-sajd storiċi tal-Unjoni. Il-kwota definittiva tal-Unjoni għall-bakkaljaw fl-ilmijiet ta' Svalbard u fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżona 1 u tad-diviżjoni 2b tal-ICES għall-2023 jenħtieġ li tiġi stabbilita fil-livell ta' 15 629 tonnellata, li jikkorrispondi għall-perċentwal indikat fil-paragrafu 3, il-punt (a), tal-fehim politiku bejn l-UE u n-Norveġja fir-rigward tas-sajd fis-subżoni 1 u 2 tal-ICES. Il-kwota tal-Unjoni għall-bakkaljaw fl-ilmijiet ta' Svalbard u fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżona 1 u tad-diviżjoni 2b tal-ICES jenħtieġ li tiġi allokata lill-Istati Membri f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/277/KEE¹, soġġetta għall-adattamenti meħtieġa minħabba l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni kif stabbilit fl-Anness 36(E) għall-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra².

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/277/KEE tat-18 ta' Mejju 1987 dwar l-allokazzjoni ta' possibbiltajiet għall-qabda tal-bakkaljaw fiż-żona ta' Spitsbergen u Bear Island u fid-Diviżjoni 3M kif inhi definita fil-Konvenzjoni tan-NAFO (ĠU L 135, 23.5.1987, p. 29).

² ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10.

- (3) Ir-Regolament (UE) 2023/194 jistabbilixxi kwota proviżorja tal-Unjoni għall-ħalibatt ta' Greenland (*Reinhardtius hippoglossoides*) fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni 1 u 2 tal-ICES għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Marzu 2023. Sabiex l-attivitajiet tas-sajd jitħallew ikomplu, jeħtieġ li dik il-kwota proviżorja tal-Unjoni tiġi sostitwita bi kwota definittiva tal-Unjoni għal dak l-istokk għall-2023. Il-kwota definittiva tal-Unjoni għall-ħalibatt ta' Greenland fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni 1 u 2 tal-ICES għall-2023 jenħtieġ li tiġi stabbilita fil-livell ta' 1 711-il tunnellata. Il-livell ta' dik il-kwota tal-Unjoni jikkorrisponди għal 9,25 % tat-TAC għall-ħalibatt ta' Greenland fis-subżoni 1 u 2 tal-ICES għall-2023, kif propost mill-Unjoni fil-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal, jiġifieri 18 494 tunnellata, f'konformità mal-parir tal-ICES.
- (4) Ir-Regolament (UE) 2023/194 ma jistabbilixxix l-oportunitajiet tas-sajd għar-redfish (*Sebastes spp.*) fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni 1 u 2 tal-ICES għall-2023. Sabiex is-sajd għal dak l-istokk ikun jista' jibda ladarba jibda l-istaġun tas-sajd rilevanti fl-1 ta' Lulju 2023, il-kwota tal-Unjoni għar-redfish fl-ilmijiet internazzjonali fis-subżoni 1 u 2 tal-ICES jenħtieġ li tiġi stabbilita abbażi tal-medja tal-ogħla tliet qabdiet annwali tal-Unjoni tar-redfish fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni 1 u 2 tal-ICES fil-perjodu mill-2013 sal-2022.
- (5) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2023/194 jiġi emendat skont dan.

- (6) L-opportunitajiet tas-sajd previsti fir-Regolament (UE) 2023/194 japplikaw mill-1 ta' Jannar 2023. Għalhekk, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet introdotti b'dan ir-Regolament li jikkonċernaw l-opportunitajiet tas-sajd japplikaw ukoll mill-1 ta' Jannar 2023. Tali applikazzjoni retroattiva ma taffettwax il-prinċipji taċ-ċertezza ġuridika u tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, billi l-opportunitajiet tas-sajd ikkonċernati żdiedu jew għadhom ma ġewx eżawriti. Minħabba l-urġenza li tiġi evitata kwalunkwe interruzzjoni fl-attivitajiet tas-sajd, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu
- f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,*

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1
Emenda tar-Regolament (UE) 2023/194

L-Anness IB għar-Regolament (UE) 2023/194 huwa emendat f'konformità mal-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2
Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

L-Anness IB għar-Regolament (UE) 2023/194 huwa emendat kif ġej:

- (i) it-tabella għall-bakkaljaw (*Gadus morhua*) fl-ilmijiet ta' Svalbard u fl-ilmijiet internazzjonali taż-żoni 1 u 2b hija sostitwita b'dan li ġej:

"

Speċi: Bakkaljaw <i>Gadus morhua</i>		Żona: L-ilmijiet ta' Svalbard; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni 1 u 2b (COD/1/2B.)
Il-Ġermanja	3 094 ⁽¹⁾⁽²⁾	TAC analitika Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96.
Spanja	7 994 ⁽¹⁾⁽²⁾	
Franza	1 320 ⁽¹⁾⁽²⁾	Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96.
Il-Polonja	1 448 ⁽¹⁾⁽²⁾	
Il-Portugall	1 688 ⁽¹⁾⁽²⁾	
Stati Membri oħra	85 ⁽¹⁾⁽²⁾⁽³⁾	
L-Unjoni	15 629 ⁽¹⁾⁽²⁾	
It-TAC		Mhux rilevanti
⁽¹⁾	L-allokazzjoni tas-sehem mill-istokk tal-bakkaljaw li l-Unjoni għandha għad-dispożizzjoni tagħha fiż-żona ta' Spitzbergen u Bear Island u tal-qabdiet aċċessorji tal-merluzz tal-linja sewda assoċjati huma mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u għall-obbligi li ġejjin mit-Trattat ta' Pariġi tal-1920.	
⁽²⁾	Il-qabdiet aċċessorji tal-merluzz tal-linja sewda jistgħu jirrappreżentaw sa 14 % minn kull refgħa. Il-kwantitajiet tal-qabdiet aċċessorji tal-merluzz tal-linja sewda huma b'żieda mal-kwota għall-bakkaljaw.	
⁽³⁾	Għajr il-Ġermanja, Spanja, Franza, il-Polonja u l-Portugall. Il-qabdiet li għandhom jingħaddu ma' din il-kwota kondiviża għandhom jiġu rapportati b'mod separat (COD/1/2B_AMS).	

".

- (ii) it-tabella għall-ħalibatt ta' Greenland (*Reinhardtius hippoglossoides*) fl-ilmijiet internazzjonali taż-żoni 1 u 2 hija sostitwita b'dan li ġej:

"

Speċi:	Ħalibatt ta' Greenland <i>Reinhardtius hippoglossoides</i>	Żona:	L-ilmijiet internazzjonali taż-żoni 1 u 2 (GHL/1/2INT)
L-Unjoni	1 711 ⁽¹⁾	TAC prekawzjonarja	
It-TAC	Mhux rilevanti		
⁽¹⁾	Għall-qabdiet aċċessorji biss. Mhu permess l-ebda sajd dirett fil-kuntest ta' din il-kwota.		

(1) ";

- (iii) it-tabella għar-redfish (*Sebastes* spp.) fl-ilmijiet internazzjonali taż-żoni 1 u 2 hija sostitwita b'dan li ġej:

"

Speċi:	Redfish <i>Sebastes</i> spp.	Żona:	L-ilmijiet internazzjonali taż-żoni 1 u 2 (RED/1/2INT)
L-Unjoni	6 000 ⁽¹⁾	TAC analitika Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96.	
It-TAC	Mhux rilevanti	Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96.	
⁽¹⁾	Din il-kwota tista' tinqabad biss mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru. Il-bastimenti tas-sajd għandhom jillimitaw il-qabdiet aċċessorji tagħhom tar-redfish f'attivitajiet tas-sajd oħrajn għal massimu ta' 1 % tal-qabda totali miżmuma abbord.		

".
